.

# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 25 ta’ Gunju, 2001**

**Numru: 6**

**Citazzjoni Numru: 1589/94 JF**

**Carmelo Zammit; u b’digriet tas-17 ta’ Novembru 1997 stante l-mewt ta’ Carmelo Zammit, l-atti gew trasfuzi f’isem Carmelina Cilia, Generosa Zammit, Raphael Zammit, Samuel Zammit, Joseph Zammit, Rosaria Vella, Rita Zahra u John Zammit; Matilda Zammit; Raphael Zammit; Generosa zammit; Carmelo Zammit**

**f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti Raphael Zammit, Carmen Zammit, Giovanna Said, Joseph Zammit, Mary Sant, Francis Zammit, Philippa sive Phyllis Dunwoody, Doris Catania u Paul Zammit; George Zammit; Philip Zammit; Maria-Odelia Baldacchino; Dolores Tabone; Carmela sive Carmen Zammit f'isimha proprju u bhala mandatarja tal-assenti Raphael Zammit u Philip Zammit; Generosa Inguanez; Lorenza Cascun; Maria Concetta Borg; Francis Sammut; u Carmen Borg; ilkoll eredi ta' Maria Zammit.**

**vs**

**George u Carmen konjugi Attard.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi permezz ta' skrittura datata sebgha (7) ta' Ottubru 1991 (Dok. 'A'), il-konvenuti ddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri ta' Maria Zammit, illum mejta, fis-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), liema somma kienet dovuta minhabba self brevi manu u kellha tithallas lura flimkien mal-imghaxijiet relativi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%);

U premess illi l-konvenuti ghadhom hallsu biss is-somma ta' elf lira (Lm1,000) akkont tal-kapital misluf u ghalhekk ghad fadlilhom ihallsu bilanc ta' hames mitt lira (Lm500) fuq il-kapital misluf, flimkien mal-interessi fuq is-somma kollha mislufa;

U premess illi l-imsemmija mutwanti Maria Zammit mietet fis-sittax (16) ta' April 1993 u s-successjoni taghha ddevolviet fuq l-atturi;

U premess illi l-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex ihallsu, baqghu inadempjenti;

Talbu li ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, dina l-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm500, rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta minhabba self

maghmul mill-mejta Maria Zammit kif fuq intqal, flimkien mal-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma kollha mislufa ta' Lm1,500 mis-sebgha (7) ta' Ottubru 1991.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-ghoxrin (20) ta' Novembru 1993 u tal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 1993 kontra l-konvenuti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew bir-rispett:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti hallsu lil Maria Zammit a saldu u ghalhekk ma ghandhomx x'jaghtu flus aktar lill-atturi.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat li din hi kawza dwar self "brevi manu" maghmul mill-awturi tal-atturi odjerni lill-konvenuti, liema self gie registrat formalment permezz ta' skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu li tinsab esebita fl-atti tal-kawza – ara Dok A, a fol. 5 tal-process. Fost il-kundizzjonijiet miftehma fuq din l-iskrittura hemm wahda relativa ghal modalita' ta' pagament, jigifieri li l-pagament akkont tal-kapital misluf kellhom ikunu "f'pagamenti mhux interrotti ta' mhux anqas minn hamsin lira (Lm50) fix-xahar u bid-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu ……" f'kaz ta' morozita'.

l-atturi ppremettew li effettivament il-konvenuti kienu waqghu lura fil-hlasijiet b'dana li ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u ghalhekk harrkuhom ghall-bilanc li baqa' ma thallasx, oltre l-interessi.

Min-naha taghhom il-konvenuti eccepew li huma kienu hallsu per saldu kull ammont dovut. Xehed fit-tul il-konvenut George Attard. Dan il-konvenut ghamel zewg asserzjonijiet li huma fondamentali ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza, jigifieri:

1. Li kienu saru pagamenti f'ammonti ta' aktar minn hamsin lira (Lm50), jigifieri anke ta' Lm150, u

2. L-ahhar pagament dovut ta' Lm100 kien gie effettwat minnu wara li saritlu interpellazzjoni.

Wara li gew invertiti l-provi, il-konvenut xehed li dwar l-ahhar hlas ta' Lm100 (mitt lira) l-ircevuta relativa tilifha pero' kien halla l-flus mas-sinjura Depasquale. Dwar il-hlasijiet precedenti xehed li kienu saru diversi hlasijiet ta' Lm150 u esebixxa kopja ta' notamenti li jghid li saru mill-atturi. L-atturi kkontestaw dan u talbu li jigi sfilzat dan id-dokument u minfloku jigi esebit l-original u li dana l-original tal-kitba jitqieghed taht l-iskrutinju ta' perit kalligrafiku biex jigi stabbilit permezz tieghu jekk fil-fatt in-numru "1" quddiem il-pagament f'ammont ta' "Lm50" kienx gie inserit separatament u mhux mill-istess id. Gara li l-konvenuti baqghu ma pproducewx id-dokument originali u dan wara li l-Qorti, kif dakinhar diversament ippresjeduta kienet ordnat l-isfilz tal-kopja surreferita, u ghaddiet ghan-nomina ta' perit kalligrafiku a spejjez provvizorjament ta' l-atturi. Minhabba l-inadempjenza ripetuta u ingustifikata da parti tal-konvenuti, il-Qorti rrevokat "contrario imperio" l-inkariku peritali. Il-konvenuti talbu zmien biex iressqu xi provi ulterjuri pero' hawn ukoll baqghu totalment inadempjenti anzi jirrizulta li dawn anke tilfu l-kuntatt mal-legali taghhom. Kjarament ma jirrizultax li saret il-prova tal-pagament per saldu kif eccepit mill-konvenuti. Mill-bqija dak premess mill-atturi u kkonfermat bil-gurament taghhom fid-dikjarazzjoni akkompanjanti l-att tac-citazzjoni ma giex kontradett;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi kif dedotti u fl-ammont mitlub kontra l-konvenuti, li flimkien mas-sorte u interessi mitluba qeghdin jigu kkundannati jhallsu wkoll lill-atturi l-ispejjez gudizzjarji.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md